**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 9 – It-Tnejn 30 ta' Settembru 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fl-5:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Dr Marc Sant | Minority Leader |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Kunsillier |

1. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa nr 8 li saret nhar **Il-Ġimgħa 6 ta' Settembru 2013** fuq proposta tal-Viċi Sindku Magda Magri Naudi u sekondata mill-Kunsillier Lorraine Farrugia, dawn ġew approvati unanimament.

2. **ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

2.1 Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi nfurmat is-sigar li hemm fi Triq Karlo Darmanin għandhom jinżabru mmedjatament.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU W KUNSILLIERI**

***3.1 Dr Ian Castaldi Paris- Sindku***

**3.1.1** Nforma lis-segretarja li għandha ssir laqgħa ma' l-ELC.

***3.1.2*** Nforma li xtaq li ssir flyer informattiv dwar l-Etijopia. Din għandha titqassam f'kull dar ta'Ħal Lija. Nforma wkoll li għandha ssir laqgħa ma' Patri Ġorġ.

**3.2** ***Ms Lorraine Farrugia***

**3.2.1** Nfurmat li l-Uffiċċju tal-Prim Ministru kkonfermaw li l-festa taċ-ċitru ser issir ġewwa l-ġonna ta' Villa Francia.

**3.2.2** Nfurmat dwar il-courses tax-Xitwa tat-TCTC.

**3.2.3** Nformat li l-Kunsill għandu jaqgħmel avviż fuq in-Notice Board dwar l-ikel ta' EU. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill għandha ċċempel lil Ms Doris Attard biex jingħataw id-dettalji kollha.

**3.2.4** Staqsiet kif se jeħel ir- railing ta' zuntier.

**3.2.5** Saqsiet meta se sir Triq id dejqa. Risposta: Ix—Xoghoijiet fuq it-tender għandhom jibdew f' Jannar 2014

**3.2.6** Staqsiet jekk mhux ser issir triq tal- mirakli. Risposta: l- perit ghadu qed jistudja dik t- triq.

*3.3 Dr Marc Sant*

*3.3.1* Nforma li dar mal-Perit u saret lista ta' affarijiet li għandhom isiru.

3.3.2 Nforma li ppropona li ssir laqgħa dwar it-traffiku mar-residenti li fiha jkun hemm preżenti kemm il-Perit kif ukoll Hugh Arnett, espert fit-traffiku.

*3.3.3* Nforma li xtaq li jitneħħew il-linji sofor li saru quddiem garaxx viċin l-entratura ta' Villa Francia.

*3.3.4* Nforma li dwar il-carfree day għandu xi riżervi dwar l-overtime tal-gardinar minħabba li dan għamel sagħtejn u mhux erbgħa siegħat.

*3.3.5* Nforma li bħal ma ssir kull sena l-Kunsill għandu jorganizza t-trasport għal Birgu by Candlelight. Il-Prezz normalment ikun dak ta' €2.00. kullħadd qabel li għandha ssir flyer, u din tista ssir fuq wara tal-flyer ta' Etjopia.

*3.3.6* Nforma li kelmuh xi nies mill-Klabb tal-Boċċi biex issir car show.

*3.3.7* Nforma li ser jibgħat informazzjoni li ġabar dwar il-gita ta'Ruma.

3.4 *Ms Magda Magri Naudi*

3.4.1 Nfurmat li għandu jsir innu tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija. Is-Sur Saviour Sammut diga kiteb dan l-innu.

3.4.2 Nfurmat li xtaqet li dawk il-persuni li jaħdmu n-nar għandhom jattendu għal course tal-First Aid.

3.5 *Ms Stephanie Cutajar*

3.5.1 Isuġġeriet li fi żmien il-Milied għandha ssir attivita' fejn tkun tinkludi l-funny farm.

3.5.2 Nfurmat li ser iggib kwotazzjoni min għandu Rocs Group għal Ruma.

3.5.3 Nfurmat li għandha tintbgħat ittra lil kavallerija tal-Pulizija kif ukoll lid-Dog Section u l-fire brigade.

3.5.4 Il-Bankijiet tal-ġnien għandu jingħatalhom ftit verniċ.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Artiklu li deher fuq it-Torca nhar it-18 ta' Awwissu – Il-Belvedere ta' Ħal Lija jinħtieg il-Gbir ta' Fondi. (Koppja ta' l-artiklu anessa)

4.2 E-mail mingħand Dr. Nazzareno Azzopardi li bagħat lill-Magda fuq l-istatwa ta' San Ġużepp, Annibale Preca Street.

4.3 Ilmenti li fi Triq Merino fil-pjazzetta fil-ħinijiet ta' filgħaxija mill-10:00p.m. il-quddiem kulħadd jipparkja kif ġie ġie u s-Sinjur Vince Grech rid joħrog b'emergenza bit-tifla tiegħu u sab diffikultajiet kbar. Għalhekk qiegħed jitlob biex forsi ssiru xi spot checks mill-pulizija jew wardens f'dawk il-ħinijet. Il-Kunsil qabel dwar dan.

4.4 Alfred Catania jixtieq jagħmel request biex isir xi tip ta' netting mar-railing ta' tarag tal-Public Convenience li jinsabu fil-Pjazza Trasfigurazzjoni għaliex ġieli t-tfal joqgħodu jitawlu minn bejn il-ħadid ta' tarag u għalhekk ikunu f'periklu. Il-Kunsill ma jidhirlux li hemm bżonn li jsir.

4.5 Residenti avviċinaw il-Kunsill sabiex il-kunsill jipprovdi s-servizz ta' trasport biex in-nies jattendu għall-Birgufest li ser tkun nhar il-Ġimgha 11 u is-Sibt 12 t'Ottubru 2013. Il-Kunsil qabel dwar dan.

4.6 Is-Sur Bonnici li joqgħod 'Mayflower' Alley 2 Preziosi Street, jixtieq li single yellow line li għandu l-garage tiegħu jitneħħa għaliex hu ma talbux u xahar l-għada qala citazzjoni quddiem il-bieb ta' dar tiegħu stess.

4.7 Carmelo Muscat gab l-irċevuti kif ukoll ir-rapport tal-pulizija rigward l-claim ta' l-accident li sar fil-5 t'Awissu fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Il-Kunsill qabel li jitħallas €300.00.

4.8 Ilmenti rigward under development site li hemm ma' genb il-kazin tal-Kazin laburista ta' Ħal Lija rigward il-ħmieg li hemm, il-grieden veru kbar u l-ħajt suppost fih 8 filati li ma fihx.

4.9 Request mingħand resident li għandu l-garage fi Triq Robert Mifsud Bonnici ħdejn il-Kunsill Lokali biex isir il-bankina ta' ħdejn il-kunsill għaliex qiegħda fis-stat ħazin ħafna u perikoluza

4.10 Ittra mill-każin Sant Andrija – Request biex il-Presepju Ħaj isir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u anke intalbet għajnuna finanzjarja. Il-Kunsill qabel li għandu jistenna għal Memo li normalment tinħareg mid-dipartiment.

4.11 Ittra mingħand Lija Athletic Football Club fejn intalbet għajnuna finanzjarja ta' €500 għal kira ta' mini vans bħal ma għamlu is-sena l-oħra. Il-Kunsill qabel li kif diga mifthiem it-threshold ta' kull club hija ta €500.00 din is-sena.

4.12 Quotation from Forestals re Repair of Children's Play area Centru Rekreattiv. Il-Kunsill qabel li għandu jgib 2 quotations oħra.

**4.13** Is- Sinjur Alfred Fenech (Percius) għan-nom ta' tifla tieghu u ragel ta' tifla tieghu Brian Spiteri xtaq jigbed l-attenzjoni tal-Kunsill li alavolja saru yellow lines fi Triq Carmelo Farrugia faccata tal-garage taghhom xorta n-nies ghadhom jipparkjaw. (attached photo).

**4.14** Is- Sinjura Grixti tixtieq taghmel request biex isir kaxxa safra zghira ta' wiesgha ta' mutur fi Triq Merino quddiem dar no.26. Dan ghaliex is-Sur Grixti dahal il-mutur go dar. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**4.15** Request biex lampi li qeghdin for pole fi Sqaq il-Kuncizzjoni jinbidlu u jsiru lanterns. E-Mail from Dr. Renato Cefai dd 17th September

## 5. AMMINISTRAZZJONI

**5.1** Kwotazzjoni mingħand il-mastrudaxxa Joe Ellul (minn J.E. Woodworks) fuq it-tieqa mkissra li hemm il-mitħna. €480.00. Il-Kunsill qabel li għandhom jinġiebu 2 kwotazzjonijiet oħra.

**5.2** Lista ta' l-ispejjes kollha tal- Car Free Day.

**5.3** Tliet proposti għas-sit tal-Kunsill –

**5.3.1** Booking & Co.;

**5.3.2** Webee;

**5.3.3** Mr Alan Darmanin.

Il-Kunsill qabel li il-Web-site għandha ssir min Webee.

**5.4** Is-Segretarja nfurmat dwar in-numri tal-customer care tal-kuntratt il-ġdid tal-knis.

**5.4.1** Charles Pullicino – 9994 0111 – wastecollectionltd@gmail.com

**5.5** Nfurmat li saret mal-Ministru Joe Mizzi fejn attenda wkoll il-Minority Leader Dr Marc Sant. Il-Ministru Joe Mizzi nforma dwar it-tibdiliet li ser isiru fit-trasport publiku.

## 6 APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' PAGAMENTI

6.1 Is-Segretarja ressqet lista ta' pagmenti għax-xahar ta' Settembru 2013.

**TMIEM**

Fil-19:30pm intemmet is-Seduta w b'mod unanimu aġġornat għal nhar il-Ġimgħa 1 ta' Novembru 2013.

Dr Ian Castaldi Paris
Sindku

Ms Gabriella Agius
Agent Segretarju